ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 154

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

31 ta' Mejju 2012

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
| --- | --- | --- |
| | I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet* | |
| | OPINJONIJIET | |
| | **Il-Kummissjoni Ewropea** | |
| 2012/C 154/01 | Opinjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2012 li tirrigwarda l-pjan għar-rimi ta' skart radjutattiv mil-Faċilitajiet Interim ta' Ħżin għall-Iskart u Fjuwil Użat tal-Livell Intermedjarju fis-sit tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Hinkley, il-Punt C, f'Somerset, ir-Renju Unit, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom | 1 |
| | II *Komunikazzjonijiet* | |
| | KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA | |
| | **Il-Kummissjoni Ewropea** | |
| 2012/C 154/02 | Bidu ta' proċeduri (Każ COMP/M.6471 – Outokumpu/Inoxum) [1] | 2 |

MT

**Prezz:**
**EUR 3**

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2012/C 154/03 Rata tal-kambju tal-euro ........ 3

2012/C 154/04 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għaqdiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2011 rigward abbozz ta' deċiżjoni marbuta ma' Każ COMP/M.6214 – Seagate Technology/The HDD Business Of Samsung – Rapporteur: L-Italja ........ 4

2012/C 154/05 Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta – COMP/M.6214 – Seagate/HDD Business of Samsung ........ 7

2012/C 154/06 Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2011 li tiddikkjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/M.6214 – Seagate/HDD Business of Samsung) *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 7592)* ([1]) ........ 8

2012/C 154/07 Avviż tal-Kummissjoni dwar id-data ta' applikazzjoni tal-protokolli dwar ir-regoli ta' oriġini li jipprovdu għal kumulazzjoni djagonali bejn l-Unjoni Ewropea, l-Albanija, il-Bożnija u l-Ħerżegovina, il-Kroazja, l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija ........ 13


INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI


2012/C 154/08 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd ........ 15


INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

**Awtorità ta' Sorveljanza EFTA**


2012/C 154/09 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1 j tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat) ........ 16

2012/C 154/10 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1 j tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat) ........ 18


MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-30 ta' Mejju 2012**

**li tirrigwarda l-pjan għar-rimi ta' skart radjutattiv mil-Faċilitajiet Interim ta' Ħżin għall-Iskart u Fjuwil Użat tal-Livell Intermedjarju fis-sit tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Hinkley, il-Punt C, f'Somerset, ir-Renju Unit, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom**

**(Il-verżjoni Ingliża biss hija awtentika)**

(2012/C 154/01)

Il-valutazzjoni hawn taħt hija mwettqa skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-Euratom, bla ħsara għal kwalunkwe valutazzjoni addizzjonali li trid titwettaq skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-obbligi li joħorġu minnu u minn leġiżlazzjoni sekondarja.

Fis-27 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet minn għand il-Gvern tar-Renju Unit, Dejta Ġenerali li tirrigwarda l-pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv mil-Faċilitajiet Interim ta' Ħżin għall-Iskart u Fjuwil Użat tal-Livell Intermedjarju fis-sit tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Hinkley, il-Punt C, f'Somerset, ir-Renju Unit, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom.

Abbażi ta' din id-dejta, u wara li kkonsultat mal-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni tagħha kif ġej:

(1) Id-distanza mis-sit għall-eqreb Stati Membri hija 185 km għal Franza u 250 km għar-Repubblika tal-Irlanda.

(2) Taħt kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, ir-rilaxx ta' effluwenti likwidi u gassużi radjuattivi aktarx li ma jwassalx għall-esponiment tal-popolazzjoni fi Stat Membru ieħor li huwa sinifikanti mil-lat sanitarju.

(3) Skart sekondarju solidu ta' radjuattività ta' livell baxx jinħażen temporanjament fuq is-sit qabel ma jiġi trasferit għal faċilitajiet ta' rimi awtorizzati mill-awtoritajiet regolatorji tar-Renju Unit. Skart solidu mhux radjuattiv jew materjali residwi ser jiġu rilaxxati għar-rimi bħala skart konvenzjonali jew għall–użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ skont il-kriterji li huma konsistenti mad-Direttiva 96/29/Euratom.

(4) Fil-każ ta' rilaxxi mhux ippjanati ta' effluwenti radjuattivi, li jistgħu jseħħu wara xi inċident tat-tip u d-daqs ikkunsidrati fid-Dejta Ġenerali, id-dożi li aktarx jaslu għand il-popolazzjoni fi Stat Membru ieħor ma jkunux sinifikanti mill-aspett sanitarju.

Bħala konklużjoni, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-implimentazzjoni ta' pjan għar-rimi ta' skart radjuattiv ikun f'liema forma jkun, li joriġina mill-Faċilitajiet Interim ta' Ħżin għall-Iskart u l-Fjuwil Użat ta' Livell Intermedjarju fis-sit tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Hinkley, il-Punt C, f'Somerset, ir-Renju Unit, kemm matul it-tħaddim normali kif ukoll f'każ ta' inċident tat-tip u tad-daqs ikkunsidrati fid-Dejta Ġenerali, mhijiex tali li tista' twassal għal kontaminazzjoni radjuattiva tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-ispazju tal-ajru ta' Stat Membru ieħor li tista' tkun sinifikanti mill-perspettiva sanitarja.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Mejju 2012.

*Għall-Kummissjoni*

Günther OETTINGER

*Membru tal-Kummissjoni*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

## KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Bidu ta' proċeduri**

**(Każ COMP/M.6471 – Outokumpu/Inoxum)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 154/02)

Fil-21 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda proċeduri fil-każ ta' hawn fuq wara li sabet li l-konċentrazzjoni nnotifika tqajjem dubji serji dwar il-kompatibilità tagħha mas-suq komuni. Il-bidu tal-proċeduri jiftaħ it-tieni fażi ta' investigazzjoni fir-rigward tal-konċentrazzjoni nnotifikata, u jsir mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali dwar il-każ. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.

Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet li jistgħu jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Sabiex l-osservazzjonijiet jiġu kkunsidrati bis-sħiħ fil-proċedura, dawn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux iktar tard minn 15-il jum wara d-data tal-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (+32 22964301 / 22967244) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.6471 – Outokumpu/Inoxum, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-l-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/BELGIË

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro (1)

**It-30 ta' Mejju 2012**

(2012/C 154/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,2438 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,2729 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 98,38 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,2784 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4312 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,6551 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,79775 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6402 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,9555 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5948 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2010 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 465,19 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 10,5086 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,5145 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,8920 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,5555 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,658 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 11 976,30 |
| HUF | Forint Ungeriż | 298,95 | MYR | Ringgit Malażjan | 3,9329 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 54,116 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,6982 | RUB | Rouble Russu | 40,5650 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,3873 | THB | Baht Tajlandiż | 39,627 |
| RON | Leu Rumen | 4,4675 | BRL | Real Brażiljan | 2,4921 |
| TRY | Lira Turka | 2,2930 | MXN | Peso Messikan | 17,3868 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 69,9420 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Għaqdiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2011 rigward abbozz ta' deċiżjoni marbuta ma' Każ COMP/M.6214 – Seagate Technology/The HDD Business Of Samsung**

**Rapporteur: L-Italja**

(2012/C 154/04)

**Konċentrazzjoni**

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-operazzjoni nnotifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni nnotifikata għandha dimensjoni tal-UE fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

**Definizzjoni tas-suq**

3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel ma' kif il-Kummissjoni tiddefinixxi s-swieq ta' prodotti relevanti kif dikjarat fl-abbozz tad-Deċiżjoni.

   B'mod partikulari, fir-rigward tad-definizzjoni tal-prodotti tas-suq, il-Kumitat Konsultattiv jaqbel li l-impatt tat-tranżazzjoni proposta għandu jkun evalwat fuq is-swieq li ġejjin:

   (a) Is-suq għal HDDs 3,5″ tal-Intrapriżi għal Missjonijiet Kritiċi;

   (b) Is-suq għal HDDs 3,5″ tal-Intrapriżi Kritiċi fin-Negozju;

   (c) Is-suq għal HDDs 3,5″ għal Kompjuters Desktop;

   (d) Is-suq għal HDDs 3,5″ għall-Elettronika tal-Konsumatur (CE);

   (e) Is-suq għal HDDs 2,5″ Mobbli;

   (f) Is-suq għal CE HDDs 2,5″; u

   (g) Is-suq tal-ħardisks esterni (XHDD)

4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mad-definizzjoni tas-suq ġeografiku għal:

   (a) HDDs; u

   (b) XHDDs

**Kontrofattwali**

5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li, għall-fini tal-valutazzjoni kompetittiva tat-tranżazzjoni proposta, l-approċċ l-aktar xieraq huwa li tiġi adottata r-regola ta' prijorità ("min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel") ibbażata fuq id-data tan-notifika.

6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni proposta għandha tiġi evalwata fid-dawl tas-sitwazzjoni kompetittiva prevalenti fiż-żmien tan-notifika tagħha, jiġifieri mingħajr ma titqies it-tranżazzjoni fil-Każ COMP/M.6203 Western Digital/Viviti Technologies (Hitachi Global Storage Technologies, li reċentement biddlet isimha għal Viviti Technologies).

**Il-valutazzjoni tal-kompetizzjoni**

*Effetti li mhumiex ikkordinati*

7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li effetti mhux koordinati jridu jiġu valutati fis-swieq li ġejjin:

   (a) Is-suq globali għal HDDs 3,5″ għal Kompjuters Desktop;

   (b) Is-suq globali għal HDDs 2,5″ Mobbli;

   (c) Is-suq globali għal HDDs 3,5″ tal-Intrapriżi Kritiċi fin-Negozju;

   (d) Is-suq globali għal CE HDDs 3,5″; u

   (e) Is-suq tal-XHDD madwar iż-ŻEE.

8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-klijenti wara t-tranżazzjoni se jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu użu minn mill-inqas tliet fornituri tal-HDD b'saħħithom u li t-tranżazzjoni proposta ma jkollhiex impatt fuq il-kapaċità tal-klijenti li jużaw bosta sorsi u jaqilbu l-fornituri fis-swieq relevanti kollha tal-HDD.

9. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li Seagate u Samsung HDD mhumiex kompetituri partikularment mill-qrib fl-ebda suq relevanti tal-HDD.

10. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni proposta mhix se telimina forza kompetittiva importanti minħabba l-kapaċitajiet inqas kompetittivi u innovattivi ta' Samsung.

11. Fir-rigward tas-suq tal-XHDD madwar iż-ŻEE, il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li:

(a) L-akkwist ta' Samsung mhux se jżid b'mod konsiderevoli l-pożizzjoni fis-suq ta' Seagate;

(b) Anke fid-dawl tax-xejra attwali tas-suq tal-manifatturi tal-HDD li jiksbu malajr ishma tas-suq għad-dannu tal-fornituri tal-XHDD mhux integrati, tliet fornituri alternattivi kredibbli jibqgħu preżenti fis-suq tal-XHDD madwar iż-ŻEE wara t-tranżazzjoni; u

(c) L-entità amalgamata mhux se jkollha l-kapaċità jew l-inċentiv li teskludi parti sinifikanti tas-suq.

12. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni proposta m'għandhiex twassal għal effetti mhux koordinati li jistgħu jimpedixxu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-swieq globali tal-HDD għal HDDs 3,5″ tal-Kompjuters Desktop, HDDs 2,5″ Mobbli, HDDs 3,5″ Kritiċi fin-Negozju, u CE HDDs 3,5″ u lanqas fis-suq tal-XHDD madwar iż-ŻEE.

*Effetti kkoordinati*

13. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li huwa probabbli li t-tranżazzjoni proposta mhix se żżid il-kapaċità tal-bqija tal-fornituri tal-HDD biex jilħqu t-termini ta' koordinazzjoni.

14. B'mod partikulari, il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li:

(a) It-tneħħija ta' Samsung HDD ma tikkawżax effett materjali speċifiku għall-għaqda f'għadd ta' swieq relevanti minħabba n-nuqqas jew il-preżenza insinifikanti ta' Samsung fis-swieq għal HDDs 3,5″ Kritiċi fin-Negozju u CE HDDs 3,5″;

(b) Fis-suq tal-HDD 3,5″ għal Kompjuters Desktop, Samsung mhijiex forza innovattiva partikolarment qawwija jew kompetitur partikolarment qawwi u għalhekk l-effett tat-tneħħija ta' Samsung probabbli se jkun limitat fir-rigward tal-effetti koordinati;

(c) Fis-suq tal-HDD 3,5″ għal Kompjuters Desktop il-livell tal-assimetrija wara l-għaqda jibqa' għoli;

(d) Jidher probabbli li HGST għandu jkollha inċentivi qawwija li ma tipparteċipax fi kwalunkwe koordinazzjoni fis-suq tal-HDD 3,5″ għal Kompjuters Desktop.

15. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni proposta m'għandhiex twassal għal impediment sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva li tirriżulta minn effetti koordinati.

*Effetti vertikali*

16. Fir-rigward tar-relazzjonijiet vertikali bejn is-swieq downstream tal-HDD u s-swieq upstream għall-komponenti ewlenin, il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni proposta aktarx mhix se timpedixxi l-kompetizzjoni effettiva.

17. Fir-rigward tar-relazzjonijiet vertikali bejn is-swieq downstream tal-HDD u s-swieq upstream għall-komponenti tal-midja, il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni proposta aktarx mhix se timpedixxi l-kompetizzjoni effettiva.

**Konklużjoni**

18. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni proposta aktarx mhix se timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.

19. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni nnotifikata għandha tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u mal-ħidma tal-Ftehim taż-ŻEE skont l-Artikoli 2(2) u 8(1) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.

20. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-Opinjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta** [1]

**COMP/M.6214 – Seagate/HDD Business of Samsung**

(2012/C 154/05)

Fid-19 ta' April 2011, il-Kummissjoni rċiviet notifika dwar konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] (minn hawn 'il quddiem msejjaħ "ir-Regolament dwar l-Għaqdiet") li permezz tagħha Seagate Technology Public Limited Company ("Seagate") tikseb fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet kontroll tan-negozju ta' hard disk drive ("HDD") ta' Samsung Electronics Co., Ltd ("is-Samsung HDD business") permezz ta' xiri ta' ishma.

Wara eżami tan-notifika, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-operazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. Fit-30 ta' Mejju 2011, il-Kummissjoni bdiet għalhekk il-proċedimenti skont l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Ir-riżultati tal-investigazzjoni fil-fond tas-suq ma kkonfermawx id-dubji serji tal-fażi ta' qabel. Il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni proposta ma xxekkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-swieq rilevanti. Il-konċentrazzjoni notifikata ġiet għaldaqstant ikklerjata mingħajr ma' saret Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Ma rċivejt l-ebda talba ta' natura proċedurali mill-partijiet fit-tranżazzjoni. Madankollu, wieħed mill-partijiet terzi ppreżentali talba għal aċċess għall-fajl, wara li t-talba inizjali kienet ġiet miċħuda mit-tim responsabbli għall-każ fid-DĠ għall-Kompetizzjoni. Jien irrifjutajt tali talba ladarba l-partijiet terzi m'għandhomx id-dritt ta' aċċess għall-fajl waqt proċedimenti ta' amalgamazzjoni [3]. Meta japplikaw biex jiġu mismugħa, il-partijiet terzi li juru biżżejjed interess għandhom biss id-dritt li jkunu infurmati mill-Kummissjoni dwar in-natura u l-materja tas-suġġett tal-proċedimenti [4]. Fi kwalunkwe ċirkostanza, fil-każ preżenti, il-parti terza li talbet aċċess għall-fajl ma applikatx biex tinstema'.

Fid-dawl ta' dan, inqis li d-dritt tal-parteċipanti kollha li jinstemgħu f'dan il-każ ġie rrispettat.

Brussell, il-5 ta' Ottubru 2011.

Wouter WILS

---

(1) Skont l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2001/462/KE, KEFA) tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' riferenza ta' uffiċjali tas-seduta f'ċerti proċeduri dwar il-kompetizzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 08 Volum 02, p. 151-154).

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 08 Volum 03, p. 40-61). B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") introduċa ċerti bidliet, bħas-sostituzzjoni tat-terminu "Komunità" bit-terminu "Unjoni" u t-terminu "suq komuni" bit-terminu "suq intern". Matul dan ir-rapport ser tintuża' t-terminoloġija tat-TFUE.

(3) Huma biss il-parti nnotifikata u l-"partijiet l-oħra involuti" (fit-tifsira tal-Artikolu 11(b) tar-Regolament (KE) Nru 802/2004) li għandhom dan id-dritt b'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 802/2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 08 Volum 03, p. 88-126) ("Regolament (KE) Nru 802/2004").

(4) Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 802/2004.

# Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

## tad-19 ta' Ottubru 2011

## li tiddikkjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE

## (Każ COMP/M.6214 – Seagate/HDD Business of Samsung)

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 7592)*

**(It-test bil-Ingliż biss hu awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 154/06)

*Fid-19 ta' Ottubru 2011 il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' amalgamazzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll tal- konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi* ([1]) *(minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament dwar l-Għaqdiet"), u b'mod partikolari Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament. Verżjoni mhux konfidenzjali dwar id-Deċiżjoni sħiħa hija disponibbli fil-lingwa awtentika tal-każ u fil-lingwi proċedurali tal-Kummissjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fuq l-indirizz li ġej:*

*http://ec.europa.eu/comm/competition/index_en.html*

### I. IL-PARTIJIET

(1) Seagate Technology Public Limited Company ("Seagate", l-Istati Uniti) tfassal, timmanifattura u tbigħ firxa wiesgħa ta' apparat għall-ħżin relatat mal-kompjuters, li jikkonsistu l-aktar f'*hard disk drives* ("HDDs") u *hard disk drives* esterni ("XHDDs"). L-operazzjonijiet tagħha huma integrati b'mod vertikali *upstream* fil-manifatturar tal-komponenti ewlenin, bħal ma huma *heads* għall-qari/kitba u mezzi għar-reġistrazzjoni b'film b'rita rqiqa.

(2) Samsung Electronics Co., Ltd. ("Samsung", il-Korea t'Isfel) hija attiva fil-manifatturar ta' apparat elettroniku avvanzat u mezzi diġitali. L-impriża HDD Business of Samsung (minn hawn il quddiem imsejħa "Samsung HDD") tfassal, timmanifattura, tippromwovi u tbigħ HDDs u XHDDs. Samsung HDD mhijiex integrata b'mod vertikali *upstream* fil-manifatturar tal-komponenti. Għalkemm l-impriża Samsung hija wkoll attiva fis-*solid state drives* ("SSDs"), mhijiex se tiġi trasferita għal Seagate.

### II. L-OPERAZZJONI

(3) Fid-19 ta' April 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika formali skont Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet li permezz tagħha Seagate, permezz tas-sussidjarja tagħha Seagate Technology Public Limited Company, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet takkwista kontroll tal-HDD business of Samsung permezz ta' xiri tal-assi.

(4) It-tranżazzjoni tirrigwarda l-akkwist ta' kontroll uniku fuq l-impriża HDD Business of Samsung permezz ta' Seagate. In-negozju li għandu jinkiseb jikkonsisti l-aktar mill-assi kollha tanġbli u mhux tanġibli wżati b'mod esklussiv minn Samsung fir-riċerka u l-iżvilupp, fil-manifattura u l-bejgħ ta' HDDs u XHDDs li huma fil-pussess jew mikrija minn Samsung. Għalhekk, it-tranżazzjoni tikkostitwixxi konċentrazzjoni fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

(5) It-tranżazzjoni għandha dimensjoni tal-UE skont Artikolu 1(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

### III. SOMMARJU

#### A. Qafas analitiku

(6) Konċentrazzjoni oħra li qed taffettwa l-istess swieq, jiġifieri l-akkwist minn Western Digital ("WD") tan-negozji tal-HDDs u l-SSDs ta' Hitachi Global Storage Technologies ("HGST"), ġiet notifikata lill-Kummissjoni fl-20 ta' April 2011, ġurnata wara t-tranżazzjoni attwali.

(7) Il-valutazzjoni tal-effetti kompetittivi ta' konċentrazzjoni proposta skont ir-Regolament dwar l-Għaqdiet tinvolvi paragun bejn il-kondizzjonijiet kompetittivi li jirriżultaw mill-amalgamazzjoni notifikata u l-kondizzjonijiet li kien ikun hemm fin-nuqqas tal-amalgamazzjoni. Fil-prinċipju, il-kondizzjonijiet kompetittivi li jeżistu fil-ħin tan-notifika jikkostitwixxu l-qafas rilevanti ta' paragun għall-evalwazzjoni tal-effetti ta' konċentrazzjoni. Madankollu, f'ċerti ċirkostanzi l-Kummissjoni tista' tqis bidliet futuri fis-suq li raġonevolment jistgħu jiġu mbassra.

(8) Huwa inerenti fis-sistema ġenerali tar-Regolament dwar l-Għaqdiet li l-ewwel parti li tinnotifika konċentrazzjoni li, pernmezz ta' evalwazzjoni fuq il-merti tagħha stess, ma xxekkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

intern jew f'parti kbira minnu, l-operazzjoni tagħha tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern fi ħdan il-limiti taż-żmien applikabbli. Mhuwiex meħtieġ u lanqas xieraq li jiġu kkunsidrati bidliet futuri fil-kondizzjonijiet tas-suq li jirriżultaw minn konċentrazzjonijiet sussegwentement notifikati.

(9) L-approċċ ta' "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" huwa l-uniku wieħed li jiżgura ċertezza legali biżżejjed u oġġettività. Wieħed mill-għanijiet prinċipali tar-Regolament dwar l-Għaqdiet huwa li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.

(10) Barra minn hekk, skont l-iskema tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, id-data ta' notifika hija l-bażi l-aktar xierqa għall-applikazzjoni tar-regola ta' prijorità. Din ir-regola hija kriterju ċar u oġġettiv, determinat fil-każijiet kollha skont ir-regoli tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 802/2004, li jagħmel parti minn sistema ta' kontroll tal-amalgamazzjonijiet ibbażata fuq notifika.

(11) B'mod konsistenti mal-prattika riċenti, il-Kummissjoni ddeċidiet li tevalwa t-tranżazzjoni attwali skont ir-regola ta' prijorità ("min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel") bbażata fuq id-data ta' notifika. Għalhekk, fid-dawl tad-dati ta' notifika, it-tranżazzjoni attwali hija evalwata b'mod indipendenti mit-tranżazzjoni WD/HGST filwaqt li tiġi kkunsidrata bħala punt ta' tluq tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni struttura tas-suq mal-fornituri tal-HDDs li ġejjin: Seagate, WD, HGST, Toshiba, u Samsung HDD.

## B. **Is-suq rilevanti**

### 1. *Introduzzjoni*

(12) L-HDDs huma apparat li jagħmel użu minn diska tar-rotazzjoni waħda jew aktar bl-uċuħ superfiċjali manjetiċi (mezzi) għall-ħżin u l-aċċess tad-dejta. L-HDDs jipprovdu ħżin ta' dejta li ma tintilifx, jiġifieri d-dejta tibqa' preżenti meta l-apparat ma jkunx imqabbad mal-elettriku.

(13) Il-komponenti ewlenin ta' *hard drive* huma l-Assemblaġġ tal-*Head-Disk* ("HDA") u l-Assemblaġġ tal-Bord taċ-Ċirkwiti Stampati ("PCBA"). L-impriżi Toshiba u Samsung HDD jixtru komponenti kbar bħal *heads* u mezzi mingħand kumpaniji terzi li jimmanifatturawhom, bħal TDK għall-*heads* u Showa Denko għall-mezzi. Fornituri oħra, jiġifieri Seagate, WD and HGST, jipproduċu huma stess il-maġġoranza kbira ta' dawn il-komponenti ewlenin.

(14) Id-differenzazzjoni tal-HDDs hija possibbli skont il-karatteristiċi tekniċi tagħhom, bħall-qies (fatturi tal-għamla 3,5″, 2,5″, 1,8″), il-veloċità tar-rotazzjoni (hin ta' tfittxija), il-wisa' għall-ħżin u t-tip ta' interfaċċja.

(15) Barra dan, l-HDDs huma ġeneralment kategorizzati skont ir-referenza tal-użu finali tagħhom, b'mod partikolari:

(a) HDDs tal-Intrapriża

(16) L-HDDs tal-Intrapriża huma użati l-aktar f'servers u sistemi għall-ħżin tal-intrapriża. Il-HDDs tal-Intrapriża jistgħu jkomplu jiġu mqassma f': (i) L-HDDs ta' Missjoni Kritika (użati f'servers jew dajowds tal-ħżin bi prestazzjoni għolja li jeħtieġu affidabilità ta' 99,999 % ); u (ii) L-HDDs Kritiċi fin-Negozju (użati l-aktar fil-faċilitajiet il-kbar tal-ħżin jew il-kmamar tas-servers (*server farms*) ta' kumpaniji tal-internet li joperaw 24 siegħa kuljum).

(b) HDDs għall-Kompjuters Desktop

(17) L-HDDs għall-Kompjuters Desktop huma inkorporati fil-kompjuters personali maħsubin għall-użu regolari f'post wieħed (djar, negozji u netwerks b'aktar minn utent wieħed). Kważi l-HDDs kollha għall-applikazzjonijiet tal-Kompjuters Desktop huma bbażati fuq il-fattur tal-għamla ta' 3,5″, li joffri l-akbar wisa' għall-ħżin bl-anqas prezz għal kull GB.

(c) HDDs Mobbli

(18) L-HDDs Mobbli huma primarjament inkorporati f'kompjuters notebook u apparat ieħor mobbli. Il-konsumaturi jużaw kompjuters mobbli kemm fid-djar kif ukoll barra u fin-negozji. Ħafna HDDs Mobbli huma bbażati fuq il-fattur tal-għamla ta' 2,5″. Ġeneralment dawn l-HDDs ikunu ogħla fil-prezz u jkollhom anqas wisa' għall-ħżin minn HDDs għall-Kompjuters Desktop bil-fattur tal-għamla ta' 3,5″.

(d) HDDs għall-Elettronika tal-Konsumatur

(19) L-HDDs għall-Elettronika tal-Konsumatur jintużaw f' (i) reġistraturi tal-vidjos diġitali ("DVRs") u f'dekodifikaturi li joperaw bis-satellita u bil-kejbil ("STBs"), u (ii) *consoles* tal-logħob. Il-HDDs fornuti għall-applikazzjonijiet tal-Elettronika tal-Konsumatur jinkludu kemm *drives* bil-fattur tal-għamla ta' 3,5″ kif ukoll ta' 2,5″ [1] B'kuntrast mal-HDDs użati fl-applikazzjonijiet tal-kompjuters personali (kemm jekk Kompjuters Desktop kif ukoll Mobbli), il-HDDs bil-fattur tal-għamla ta' 2,5″ u 3,5″ użati fil-prodotti tal-Elettronika tal-Konsumatur huma fornuti b'kodiċi speċifiċi ta' *firmware* addattati skont l-iskop speċifiku tal-applikazzjoni.

### 2. *Swieq differenti tal-HDDs skont il-fattur tal-għamla u l-użu finali*

(20) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni żvelat li ma teżisti ebda sostitwibbiltà mil-lat tad-domanda fl-HDDs kollha billi d-diversi applikazzjonijiet tal-użu finali fejn il-HDDs huma l-biċċa l-kbira inkorporati jiddeterminaw il-ħtiġijiet tekniċi tal-HDDs (il-wisa', l-interfaċċja, il-veloċità tar-rotazzjoni (rpm) u l-fattur tal-għamla). B'żieda ma' dan, fi ħdan l-istess applikazzjoni tal-użu finali HDDs b'fatturi differenti tal-għamla (jiġifieri ta' 3,5″ u 2,5″) ma jistgħux jinbidlu min-naħa tal-konsumatur.

[1] Id-*drive* bil-fattur tal-għamla ta' 1,8″ mhux se jkun diskuss billi la Seagate u lanqas Samsung ma jimmanifatturaw dan it-tip ta' HDDs.

(21) L-HDDs użati f'applikazzjonijiet differenti tal-użu finali huma soġġetti wkoll għal dinamiki industrijali differenti u mudelli differenti tal-katina ta' provvista. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni indikat ukoll li m'hemmx biżżejjed sostitwibbiltà mil-lat tal-provvista fit-tipi kollha tal-HDDs f'termini ta' effettività u immedjatezza. Fin-nuqqas ta' tali sostitwibbiltà mil-lat tal-provvista, is-suq ma jistax jiġi mfisser f'mod aktar wiesa'.

(22) Il-Kummissjoni fissret dawn is-swieq tal-prodott rilevanti li ġejjin: (i) L-HDDs ta' Missjoni Kritika għall-Intrapriża [1], (ii) L-HDDs Kritiċi fin-Negozju għall-Intrapriża b'fattur tal-għamla ta' 3,5″, (iii) L-HDDs għall-Kompjuters Desktop b'fattur tal-għamla ta' 3,5″, (iv) L-HDDs għall-Elettronika tal-Konsumatur ("CE") b'fattur tal-għamla ta' 3,5″ (v) L-HDDs Mobbli b'fattur tal-għamla 2,5″ u (vi) L-HDDs għall-Elettronika tal-Konsumatur b'fattur tal-għamla ta' 2,5″.

(23) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni u d-deċiżjonijiet preċedenti indikaw li s-swieq tal-HDDs kollha huma ta' dimensjoni mondjali.

3. *XHDDs*

(24) Il-*Hard Disk Drives* esterni (XHDDs) jippermettu lill-utenti tal-kompjuters personali li jżidu l-ispazju għall-ħżin tas-sistemi tal-Kompjuters Personalizzati tagħhom, tan-netwerks fid-dar u dawk żgħar fl-uffiċju tagħhom, jew tal-apparat għall-elettronika tal-konsumatur tagħhom. Dawn il-*hard disk drives* jipprovdu soluzzjonijiet awtonomi għall-ħżin. L-XHDDs jużaw il-HDDs bħala *inputs*. B'kuntrast mal-HDDs interni, l-XHDDs jinbiegħu bħala prodotti lesti fis-suq ħieles u sostanzjalment jimmiraw lejn konsumaturi differenti, l-aktar utenti finali tal-Kompjuters Personalizzati u tal-apparat għall-elettronika tal-konsumatur b'kuntrast mal-manifatturi ta' tagħmir oriġinali (OEMs). Il-biċċa l-kbira tal-XHDDs jirrappreżentaw negozju tal-prodotti bil-marka tad-ditta.

(25) Il-Kummissjoni tqis li l-XHDDs jikkostitwixxu suq tal-prodott separat *downstream* minn dak tal-HDDs. Barra minn hekk il-Kummissjoni tqis li s-suq tal-XHDDs huwa attwalment reġjonali u għalhekk għandu jiġi valutat fil-livell taż-ŻEE kollha, billi il-konsumaturi kif ukoll it-taħlita tal-konsumaturi tvarja b'mod sinifikanti bejn reġjun u ieħor. Bl-istess mod, l-identità u n-numri tal-fornituri tal-XHDDs ivarjaw tul ir-reġjuni differenti fid-dinja.

## C. **Evalwazzjoni kompetittiva**

### ***Effetti li mhumiex ikkordinati***

(26) Skont l-estimi tagħha, il-kumpanija Seagate hija attwalment l-akbar fornitur tal-HDDs f'termini ta' dħul, u kważi t-tieni l-akbar wara WD f'termini ta' volum għall-HDDs b'mod ġenerali. Seagate hija l-akbar fornitur fis-swieq tal-HDDs ta' Missjoni Kritika għall-Intrapriża (b'([60-70] % sehem mis-suq fi dħul), tal-HDDs ta' Negozju Kritiku għall-Intrapriża (b'[30-40] % sehem mis-suq fi dħul) u tal-HDDs għall-Elettronika tal-Konsumatur b'fattur tal-għamla ta' 3,5″ (b'[40-50] % sehem mis-suq fi dħul), il-kumpanija hija t-tieni l-akbar fornitur fis-suq tal-HDDs għall-Kompjuters Desktop bil-forma tal-għamla ta' 3,5″ (b'[30-40] % sehem mis-suq fi dħul) u t-tielet l-akbar fornitur fis-suq tal-HDDs Mobbli bil-fattur tal-għamla ta' 2,5″ (b'[10-20] % sehem mis-suq fi dħul).

(27) L-attivitajiet ta' Seagate u ta' Samsung HDD huma komuni fis-swieq kollha tal-HDDs bl-eċċezzjoni tas-suq tal-HDDs b'Missjoni Kritika għall-Intrapriża (fejn Samsung mhix preżenti) li għalhekk mhuwiex stmat għall-iskop tad-deċiżjoni attwali. Bħala riżultat tat-tranżazzjoni proposta, Seagate se tkun l-attur prinċipali fis-swieq kollha tal-HDDs bl-eċċezzjoni tas-suq tal-HDDs maħsubin għall-Elettronika tal-Konsumatur bil-fattur tal-għamla ta' 2,5″ li mhuwiex affettwat [2].

(28) L-istruttura tas-suq u d-dinamiki kompetittivi jvarjaw għal kull wieħed mis-swieq rilevanti tal-HDDs. Xorta waħda hemm numru ta' fatturi rilevanti għall-istima kompetittiva tal-Kummissjoni għal kull wieħed minn dawn is-swieq, kif spjegat hawn taħt.

(29) Il-Kummissjoni tqis li l-prodotti fis-swieq tal-HDD għandhom fatturi tal-prodotti differenzjati aktar milli prodotti purament ta' komodità.

(30) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni indikat li l-prattika tal-*multisourcing* hija importanti ħafna għall-konsumaturi tal-HDDs minħabba raġunijiet ta' sigurtà tal-provvista kif ukoll biex wieħed jibbenifika mill-provvista bi prezzijiet kompetittivi. Barra dan, l-investigazzjoni tal-Kummissjoni qalet li tliet fornituri kwalifikati u affidabbli jkunu biżżejjed għal politika effettiva ta' *multisourcing*. Billi l-investigazzjoni tal-Kummissjoni kkonfermat li kemm WD kif ukoll HGST huma kwalifikati mill-konsumaturi tal-HDDs bħala fornituri validi u affidabbli tal-HDDs, isegwi li ma jkunx hemm impatt fuq il-proċess ta' wara t-tranżazzjoni, il-kapaċità li titwettaq il-prattika tal-*multisourcing* mill-OEMs.

(31) Seagate u Samsung HDD mhumiex kompetituri mill-qrib. Samsung HDD u Seagate għandhom gruppi ta' konsumaturi differenti. Il-kumpanija Samsung HDD ma tidhirx bħala fornitur sinifikanti għall-OEMs meta mqabbla ma' Seagate u l-kompetituri l-oħra tal-HDDs.

(32) L-integrazzjoni vertikali *upstream* toħloq vantaġġ kompetittiv sinifikanti għall-fornituri tal-HDDs. Filwaqt li Seagate hija integrata b'mod vertikali, Samsung HDD għandha sserraħ fuq partijiet terzi għall-provvista tagħha ta' komponenti ewlenin tal-HDDs.

(33) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni indikat li ma jkunx hemm possibiltà ta' dħul fil-ħin u suffiċjenti ta' kompetitur

[1] Għall iskop tad-deċiżjoni m'hemmx bżonn li ssir distinzjoni fl-HDDs ta' Missjoni Kritika għall-Intrapriża skont il-fattur tal-għamla billi ma joħroġ l-ebda tħassib ta' kompetittività f'dan is-suq taħt kwalunkwe definizzjoni alternattiva ta' suq tal-prodott.

[2] Billi s-sehem fis-suq kombinat tal-partijiet huwa anqas minn 15 %.

ġdid tal-HDDs. F'kull każ, it-tranżazzjoni proposta ma xxekkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva f'ebda suq tal-HDDs.

(34) Għar-raġunijiet spjegati hawn taħt, it-tranżazzjoni proposta mhix se xxekkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva f'ebda suq mondjali tal-HDDs jew fis-suq tul iż-ŻEE tal-XHDDs.

(35) It-tranżazzjoni se twassal għal tnaqqis minn erbgħa għal tlieta fin-numru ta' fornituri fis-swieq tal-HDDs għall-Kompjuters Desktop bil-fattur tal-għamla ta' 3,5″ u tal-HDDs għall-Elettronika tal-Konsumatur bil-fattur tal-għamla ta' 3,5″, u minn ħamsa għal erbgħa fornituri fis-swieq tal-HDDs Mobbli bil-fattur tal-għamla ta' 2,5″ u tal-HDDs Kritiċi fin-Negozju għall-Intrapriża bil-fattur tal-għamla ta' 3,5″.

(36) Fis-swieq tal-HDDs għall-Elettronika tal-Konsumatur bil-fattur tal-għamla ta' 3,5″ u tal-HDDs ta' Kritiċi fin-Negozju għall-Intrapriża bil-fattur tal-għamla ta' 3,5″, it-tranżazzjoni twassal biss għal żieda żgħira fis-sehem fis-suq ta' Seagate billi s-sehem fis-suq ta' Seagate hija żgħira ħafna (anqas minn 2 %).

(37) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni żvelat li għalkemm l-entità ta' amalgamazzjoni se tibbenifika minn sehem fis-suq sostanzjali fis-suq tal-HDDs għall-Kompjuters Desktop bil-fattur tal-għamla ta' 3,5″, hija tkompli tiffaċċja tal-anqas żewġ kompetituri b'saħħithom b'sehem fis-suq importanti, jiġifieri WD u HGST. Barra dan, Seagate u Samsung mhumiex kompetituri mill-qrib. Bit-tliet fornituri li jifdal, il-konsumaturi jkollhom biżżejjed possibiltajiet li jibdlu l-fornituri u li japplikaw politika ta' *multisourcing* b'mod effettiv. F'każ li jiżdied il-prezz, teżisti l-possibiltà li HGST u WD jkollhom il-kapaċità u l-inċentiv li jżidu l-provvista tagħhom. Fl-aħħar, l-amalgamazzjoni ma teskludix forza kompetittiva partikolarment importanti fis-suq tal-HDDs għall-Kompjuters Desktop bil-fattur tal-għamla ta' 3,5″.

(38) Dawn is-sejbiet huma validi *a fortiori* għas-suq tal-HDDs Mobbli bil-fattur tal-għamla ta' 2,5″ fejn wara t-tranżazzjoni jifdal erba' kompetituri u, b'żieda ma' WD u HGST, l-entità ta' amalgamazzjoni tiffaċċja wkoll lil Toshiba bħala kompetitur.

(39) Fir-rigward tas-suq tal-XHDD fiż-ŻEE, dan is-suq qed jikber b'rata aktar mgħaġġla mis-swieq interni tal-HDDs. Mil-lat tal-provvista, is-suq tal-XHDDs jidher li huwa anqas konċentrat mis-swieq tal-HDDs. B'żieda mal-produtturi tal-HDDs, hemm fornituri alternattivi tal-XHDDs li mhumiex integrati b'mod vertikali *upstream* fil-manifatturar tal-HDDs.

(40) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni indikat li (i) Seagate hija biss it-tieni l-akbar attur fis-suq ([10-20] %) u taqsam din it-tieni pożizzjoni ma' Iomega; (ii) l-akkwist ta' Samsung HDD li attwalment hija l-attur numru 6 fis-suq ([0-5] %) ma żżidx b'mod konsiderevoli l-pożizzjoni tas-suq ta' Seagate u l-entità ta' amlagamazzjoni jkollha sehem fis-suq anqas minn 25 % fuq is-suq tal-XHDDs fiż-ŻEE, li minnu jista' jiġi ssoponut in-nuqqas ta' xi effetti antikompetittivi. (iii) fil-futur qarib se jkun għad hemm biżżejjed atturi attivi fis-suq tal-XHDD fiż-ŻEE li jikkompetu mal-entità ta' amalgamazzjoni, u (iv) mhemmx possibiltà li t-tranżazzjoni proposta tippermetti lill-entità ta' amalgamazzjoni tfixkel it-tkabbir minn ħafna mill-kompetituri billi ma jkollhiex il-kapaċità u lanqas l-inċentiv biex iżżid il-prezz tal-atturi integrati b'mod mhux vertikali.

### *Effetti kkoordinati*

(41) L-investigazzjoni tas-suq mill-Kummissjoni ma żvelatx evidenza ta' koordinazzjoni b'suċċess fis-swieq rilevanti li fihom jeżistu attwalment erba' fornituri tal-HDDs, bħas-suq tal-HDDs għall-Kompjuters Desktop bil-fattur tal-għamla ta' 3,5″. Dan jindika li tnaqqis għal erba' manifatturi tal-HDD wara l-amalgamazzjoni ma jwasslux b'mod awtomatiku għal riskju ta' koordinazzjoni speċifiku għall-amalgamazzjoni.

(42) It-tneħħija ta' Samsung HDD ma ġġibx magħha effett materjali speċifiku għall-amalgamazzjoni f'numru ta' swieq rilevanti minħabba nuqqas jew preżenza żgħira ([1]) ta' Samsung HDD f'dawn is-swieq qabel ma ssir it-tranżazzjoni proposta. Notevolment dan japplika għas-swieq tal-HDDs b'Missjoni Kritika għall-Intrapriża, għall-HDDs Kritiċi fin-Negozju għall-Intrapriża bil-fattur tal-għamla ta' 3,5″, u għall-HDDs għall-Elettronika tal-Konsumatur bil-fattur tal-għamla ta' 3,5″.

(43) Fir-rigward tas-suq tal-HDDs għall-Kompjuters Desktop bil-fattur tal-għamla ta' 3,5″, ta' min jinnota li Samsung HDD mhix forza innovattiva partikolarment b'saħħitha jew kompetitur partikolarment b'saħħtu.

(44) Fis-suq tal-HDDs għall-Kompjuters Desktop bil-fattur tal-għamla ta' 3,5″ il-livell tal-assimetrija wara l-amalgamazzjoni jibqa' għoli waqt li jiġi kkunsidrat li d-differenza bejn l-entità kombinata u l-kumpanija HGST għandha proporzjon akbar minn 3,5 għal 1 (3.5:1), u bejn Western Digital u HGST ta' aktar minn 3 għal 1 (3:1). B'żieda ma' dan, l-investigazzjoni tal-Kummissjoni wriet li HGST għandha l-inċentiva li tespandi l-bejgħ u tkabbar is-sehem tagħha ta' [10-20] % u mhemmx il-possibiltà li taċċetta l-istatus quo biex tibqa' fit-tielet post distanti fis-suq.

(45) It-tranżazzjoni proposta għalhekk ma toħloqx xkiel sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva li joħroġ minn effetti koordinati fis-swieq rilevanti tal-HDDs.

### *Relazzjonijiet vertikali*

(46) It-tranżazzjoni proposta toħloq relazzjonijiet vertikali bejn is-swieq *upstream* għall- (i) *heads* u (ii) mezzi li huma tnejn mill-komponenti wżati fil-manifattura tal-HDDs, u (iii) is-swieq *downstream* għall-HDDs li jużaw dawk il-komponenti.

([1]) 2 % sehem fis-suq jew anqas.

(47) B'kuntrast ma' Seagate il-Kumpanija Samsung mhix integrata b'mod vertikali *upstream* fil-produzzjoni tal-komponenti tal-HDD bħal *heads* jew mezzi. Il-kumpanija Toshiba mhix lanqas integrata b'mod vertikali u tiddependi fuq fornituri terzi għall-għoti ta' *heads* u mezzi.

(48) Madankollu, l-investigazzjoni tal-Kummissjoni żvelat li wara t-tranżazzjoni l-kumpanija Seagate ma' jkollhiex il-kapaċità jew l-inċentiv biex issegwi strateġija ta' esklużjoni kontra TDK (l-uniku fornitur tal-*heads* fis-suq ħieles) li tirriskja ddgħajjef lil TDK u min-naħa l-oħra tipperikola l-provvista kompetittiva ta' dan il-komponent ewlieni għal Toshiba. B'mod partikolari, skont l-Ittra ta' Intenzjoni ffirmata bejn Seagate u TDK fit-3 ta' Awwissu 2011, l-entità ta' amalgamazzjoni se tkompli tixtri volum sufficjenti ta' *heads* minn TDK tal-anqas sal-2014.

(49) L-investigazzjoni tal-Kummissjoni indikat ukoll li x'aktarx it-tranżazzjoni proposta ma jkollha l-ebda effett negattiv sinifikanti fuq il-fornituri attwali tal-mezzi ta' Samsung (Showa Denko u Fuji).

## IV. **KONKLUŻJONI**

(50) Għar-raġunijiet imsemmijin hawn fuq, id-deċiżjoni tikkonkludi li l-konċentrazzjoni proposta mhijiex se xxekkel il-kompetizzjoni effettiva fis-Suq Intern jew f'xi parti sostanzjali minnu b'mod sinifikanti.

(51) Bħala konsegwenza l-konċentrazzjoni għandha tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-Suq Intern u mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE, b'konformità mal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u mal-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.

**Avviż tal-Kummissjoni dwar id-data ta' applikazzjoni tal-protokolli dwar ir-regoli ta' oriġini li jipprovdu għal kumulazzjoni djagonali bejn l-Unjoni Ewropea, l-Albanija, il-Bożnija u l-Ħerżegovina, il-Kroazja, l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja [1] u t-Turkija**

(2012/C 154/07)

Għall-iskop tal-ħolqien ta' kumulazzjoni djagonali tal-oriġini fost l-Unjoni Ewropea, l-Albanija, il-Bożnija u l-Ħerżegovina, il-Kroazja, l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija, l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi kkonċernati, jinnotifikaw lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, dwar ir-regoli ta' oriġini li hemm fis-seħħ ma' pajjiżi oħra.

It-tabella mehmuża, li hija bbażata fuq in-notifiki miksuba mill-pajjiżi kkonċernati, tagħti viżjoni ġenerali tal-protokolli tar-regoli ta' oriġini li jipprovdu għal akkumulazzjoni djagonali li tispeċifika d-data li fiha tali akkumulazzjoni ssir applikabbli. Din it-tabella tissostitwixxi dik ta' qabilha (ĠU C 63, 2.3.2012, p. 8).

Huwa mfakkar li l-kumulazzjoni tista' tapplika biss jekk il-pajjiżi tal-manifattura aħħarija u tad-destinazzjoni aħħarija jkunu kkonkludew ftehimiet ta' kummerċ ħieles, li fihom regoli ta' oriġini identiċi, mal-pajjiżi kollha li qegħdin jipparteċipaw fil-kisba ta' status tal-oriġini, jiġifieri mal-pajjiżi kollha li fihom joriġinaw il-materjali kollha użati. Materjali li joriġinaw f'pajjiż li ma jkunx ikkonkluda ftehim mal-pajjiżi tal-manifattura aħħarija u tad-destinazzjoni aħħarija għandhom jiġu ttrattati bħala mhux oriġinanti.

Huwa mfakkar ukoll li l-materjali li joriġinaw mit-Turkija kopert mill-unjoni doganali UE/Turkija jistgħu jiġu inkorporati bħala materjali oriġinali għal skop ta' kumulazzjoni djagonali bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi parteċipanti fil-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni li bih ikun daħal fis-seħħ protokoll ta' oriġini.

Il-Kodiċijiet ISO-Alpha-2 għall-pajjiżi elenkati fit-tabella huma mniżżlin hawn taħt:

| | |
|---|---|
| — L-Albanija | AL |
| — Il-Bożnija u Ħerzegovina | BA |
| — Il-Kroazja | HR |
| — L-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | MK (*) |
| — Montenegro | ME |
| — Is-Serbja | RS |
| — it-Turkija | TR |

[1] L-Albanija, il-Bosnja u l-Ħerzegovina, il-Kroazja, l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja huma l-pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

(*) Kodiċi ISO 3166 Kodiċi proviżorja li ma tippreġudika bl-ebda mod in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li jkun sar ftehim dwarha wara l-konklużjoni ta' negozjati li qegħdin iseħħu taħt l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti.

**Id-data ta' applikazzjoni tal-protokolli dwar ir-regoli ta' oriġini li jipprovdu għal kumulazzjoni djagonali bejn l-Unjoni Ewropea, l-Albanija, il-Bożnija u l-Ħerżegovina, il-Kroażja, l-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija**

| | UE | AL | BA | HR | MK | ME | RS | TR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| UE | | 1.1.2007 | 1.7.2008 | 1.6.2011 | 1.1.2007 | 1.1.2008 | 8.12.2009 | [1] |
| AL | 1.1.2007 | | 22.11.2007 | 22.8.2007 | 26.7.2007 | 26.7.2007 | 24.10.2007 | 1.8.2011 |
| BA | 1.7.2008 | 22.11.2007 | | 22.11.2007 | 22.11.2007 | 22.11.2007 | 22.11.2007 | 14.12.2011 |
| HR | 1.6.2011 | 22.8.2007 | 22.11.2007 | | 22.8.2007 | 22.8.2007 | 24.10.2007 | 1.5.2012 |
| MK | 1.1.2007 | 26.7.2007 | 22.11.2007 | 22.8.2007 | | 26.7.2007 | 24.10.2007 | 1.7.2009 |
| ME | 1.1.2008 | 26.7.2007 | 22.11.2007 | 22.8.2007 | 26.7.2007 | | 24.10.2007 | 1.3.2010 |
| RS | 8.12.2009 | 24.10.2007 | 22.11.2007 | 24.10.2007 | 24.10.2007 | 24.10.2007 | | 1.9.2010 |
| TR | [1] | 1.8.2011 | 14.12.2011 | 1.5.2012 | 1.7.2009 | 1.3.2010 | 1.9.2010 | |

[1] Għal oġġetti koperti mill-unjoni doganali UE-Turkija, id-data tal-applikazzjoni hi s-27 ta' Lulju 2006.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2012/C 154/08)

F'konformità mal-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), ittieħdet deċiżjoni biex is-sajd jingħalaq kif deskritt fit-tabella ta' hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Data u ħin tal-għeluq | 23.4.2012 |
| Tul ta' żmien | 23.4.2012-31.12.2012 |
| Stat Membru | Il-Pajjiżi l-Baxxi |
| Stokk jew Grupp ta' stokkijiet | HKE/571214 |
| Speċi | Marlozz (*Merluccius merluccius*) |
| Żona | Iż-żoni VI u VII; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żona XII u XIV |
| Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd | — |
| Numru ta' referenza | — |

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

# INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

# AWTORITÀ TA’ SORVELJANZA EFTA

**Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1 j tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat)**

(2012/C 154/09)

PARTI I

| | | |
|---|---|---|
| Għajnuna Nru | GBER 6/12/EMP | |
| L-Istat tal-EFTA | In-Norveġja | |
| L-awtorità awtorizzanti | L-isem | L-Amministrazzjoni Norveġiża tax-Xogħol u l-Welfare |
| | L-indirizz | Postboks 5 St. Olavs plass<br>0130 Oslo<br>NORWAY |
| | Il-paġna tal-internet | http://www.nav.no |
| It-titolu tal-miżura ta’ għajnuna | (Forskrift om forsøk med funksjonsassistanse i arbeidslivet) | |
| Il-bażi legali nazzjonali (Referenza għall-pubblikazzjoni nazzjonali uffiċjali rilevanti) | Regolament (UE) Nru 1363/2011 | |
| Il-link tal-internet għat-test sħiħ tal-miżura ta’ għajnuna | http://www.lovdata.no/for/sf/ad/xd-20111212-1363.html | |
| It-tip ta’ miżura | Skema | X |
| It-tul ta’ żmien | Skema | Mill-1.1.2012 sal-31.12.2013 |
| Is-settur(i) ekonomiku/ekonomiċi kkonċernat(i) | Is-setturi ekonomiċi kollha eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | X |
| It-tip ta’ benefiċjarju | SME | X |
| | Impriżi kbar | X |
| Il-baġit | L-ammont totali annwali tal-baġit ippjanat skont l-iskema | Madwar NOK 30 miljun |
| | Għall-garanziji | NOK … (f’miljuni) |
| L-istrument ta’ għajnuna (Art. 5) | Għotja | X |

PARTI II

| L-Għanijiet Ġenerali (lista) | L-Għanijiet (lista) | L-intensità massima ta' għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna f'NOK | SME – bonusijiet f' % |
|---|---|---|---|
| Għajnuna għal ħaddiema żvantaġġati u b'diżabilità (Art. 40-42) | Għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati fil-forma ta' sussidji għall-pagi (Art. 40) | … % | |
| | Għajnuna għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità fil-forma ta' sussidji għall-pagi (Art. 41) | … % | |
| | Għajnuna għall-kumpens tal-ispejjeż addizzjonali għall-impjieg ta' ħaddiema b'diżabilità (Art. 42) | Spejjeż addizzjonali iddokumentati għall-assistent, għal sena waħda f'dak iż-żmien | |

**Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1 j tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat)**

(2012/C 154/10)

PARTI I

| | | |
|---|---|---|
| Għajnuna Nru | GBER 7/12/ENV | |
| L-Istat tal-EFTA | In-Norveġja | |
| Ir-reġjun | L-isem tar-Reġjun (NUTS) Livell 3: County Hordaland | L-istatus tal-għajnuna reġjonali: żoni mħallta |
| L-Awtorità awtorizzanti | L-isem | Osterfjord Næringssamarbeid, |
| | ved Industrikonsulenten på Osterøy<br>L-indirizz u l-paġna tal-internet | 5282 Lonevåg<br>NORWAY<br>http://www.rup.no fittex għal "Osterfjord" |
| It-titolu tal-miżura ta' għajnuna | Pilotprosjekt for å utløyse ei bioenerginæring i Hordaland (Proġett pilota biex jistimula l-istabbiliment ta' settur tal-bioenerġija fir-reġjun ta' Hordaland) | |
| Il-bażi legali nazzjonali (Referenza għall-pubblikazzjoni nazzjonali uffiċjali rilevanti) | Finanzjament mill-Kunsill ta' Hordaland County, ittra tal-20 Diċembru 2006, FK06-06. Numru ta' referenza: 200504724-16/3/AARN | |
| Il-link tal-internet għat-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna | http://www.rup.no/vision/vision1.aspx?hierarchyid=753&type=5 | |
| It-tip ta' miżura | Skema | Iva |
| Emenda ta' miżura ta' għajnuna eżistenti | Le | |
| | Estensjoni | Mill-31.12.2011 sal-31.12.2012 |
| It-tul ta' żmien | Skema | Mid-19.12.2008 sal-31.12.2012 |
| Is-setturi ekonomiċi kkonċernati | Is-setturi ekonomiċi kollha eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | |
| | Limitata għal setturi speċifiċi – Jekk jogħġbok speċifika skont NACE Rev. 2. | Artikolu 23:<br>Produzzjoni tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija bijoloġika li tiġġedded f'dawn is-setturi li ġejjin:<br>35.113 Produzzjoni tal-elettriku permezz tal-bijofjuwil, ħruq tal-gass tal-iskart u tal-landfill (35.113 Produksjon av elektrisitet fra biobrensel, avfallsforbrenning og deponigass)<br>35.3 Provvista ta' fwar u arja kkondizzjonata (35.3 Damp- og varmtvannsforsyning)<br>Art.15: Ma hemmx estensjoni |
| It-tip ta' benefiċjarju | SME | Iva |
| | Impriżi kbar | Le |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-baġit | L-ammont totali annwali tal-baġit ippjanat skont l-iskema | Għall-perjodu kollu ta' 4 snin; NOK 2 (f'miljuni) | |
| L-istrument tal-għajnuna (Art. 5) | Għotja | | Iva |

PARTI II

| L-Għanijiet Ġenerali (lista) | L-Għanijiet (lista) | L-intensità massima ta' għajnuna f' % jew l-ammont massimu ta' għajnuna f'NOK | SME–bonusijiet f' % |
|---|---|---|---|
| Għajnuna għall-ħarsien tal-ambjent (Art. 17-25) | Għajnuna għall-investiment ambjentali għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (Art. 23) | 45 % | 20 % impriżi żgħar, 10 % impriżi ta' daqs medju |
| | Għajnuna għal studji dwar l-ambjent (Art. 24) | … % | |
| | Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis f'taxxi ambjentali (Art. 25) | … NOK | |

**Opinjoni tar-rappreżentanti tal-Istati tal-EFTA u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-amalgamazzjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2011 rigward abbozz ta' deċiżjoni marbuta ma' il-Każ COMP/M.6214 – Seagate Technology/In-negozju tal-HDDs ta' Samsung**

**Relatur: L-Italja**

(2012/C 154/11)

**Konċentrazzjoni**

1. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-Kummissjoni li l-operazzjoni nnotifikata tikkostitwixxi konċentrazzjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

2. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni nnotifikata għandha dimensjoni tal-UE fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

**Definizzjoni tas-suq**

3. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jaqblu ma' kif il-Kummissjoni tiddefinixxi s-swieq ta' prodotti rilevanti fl-abbozz ta' Deċiżjoni.

   B'mod partikolari, fejn tidħol id-definizzjoni tas-suq ta' prodott, l-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jaqblu li l-impatt tat-tranżazzjoni proposta trid tiġi evalwata skont is-swieq li ġejjin:

   (a) Is-suq għal HDDs Mission Critical Enterprise, ta' 3,5″;

   (b) Is-suq għal HDDs Business Critical Enterprise, ta' 3,5″;

   (c) Is-suq għal HDDs Desktop, ta' 3,5″;

   (d) Is-suq għal HDDs CE, ta' 3,5″;

   (e) Is-suq għal HDDs Mobile, ta' 2,5″;

   (f) Is-suq għal HDDs CE, ta' 2,5″; u għal

   (g) Is-suq għal HDDs esterni.

4. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mad-definizzjoni tas-suq ġeografiku għal:

   (a) HDDs; u għal

   (b) HDDs esterni.

**Kontrafattwali**

5. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jablu mal-Kummissjoni li, għal skopijiet tal-evalwazzjoni kompetittiva tat-tranżazzjoni proposta, l-aktar approċċ xieraq ikun li tiġi adottata r-regola tal-prijorità ("min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel"), abbażi tad-data ta' notifika.

6. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni proposta trid tiġi evalwata fid-dawl tas-sitwazzjoni kompetittiva li tkun teżisti fil-mument tan-notifika tagħha, jiġifieri mingħajr ma tittieħed f'kunsiderazzjoni t-tranżazzjoni fil-Kaz COMP/M.6203 Western Digital/Viviti Technologies (Hitachi Global Storage Technologies, dan l-aħħar imsemmija Viviti Technologies).

**Il-valutazzjoni tal-kompetizzjoni**

*Effetti li mhumiex ikkordinati*

7. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-opinjoni tal-Kummissjoni li għandhom jiġu evalwati l-effetti mhux koordinati fis-swieq li ġejjin:

   (a) Is-suq dinji għal HDDs Desktop, ta' 3,5″;

   (b) Is-suq dinji għal HDDs Mobile, ta' 2,5″;

   (c) Is-suq dinji għal HDDs Business Critical Enterprise, ta' 3,5″;

(d) Is-suq dinji għal HDDs CE, ta' 3,5″; u

(e) Is-suq ta' madwar iż-ŻEE għal HDDs esterni.

8. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li l-klijenti ta' wara t-tranżazzjoni se jkollhom il-possibbiltà li jissorsjaw minn ta' lanqas tliet fornituri qawwija tal-HDDs u li t-tranżazzjoni proposta mhix se jkollha impatt fuq il-ħila tal-klijenti li jagħmlu multi-sourcing u li jpartu l-fornituri fis-swieq kollha relevanti tal-HDD.

9. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li Seagate u Samsung HDD mhumiex kompetituri partikolarment qrib ta' xulxin fl-ebda wieħed mis-swieq relevanti ta' HDD.

10. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni proposta mhux se telimina xi forza kompetittiva importanti dovuta għall-ħiliet anqas kompetittivi u innovattivi ta' Samsung.

11. Fejn jidħol is-suq ta' HDDs esterni madwar iż-ŻEE, l-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li:

(a) L-akkwist ta' Samsung mhux sejjer isaħħaħ b'xi mod konsiderevoli l-pożizzjoni fis-suq ta' Seagate;

(b) Anki meta wieħed iqis ix-xejra fis-suq preżenti ta' manifatturi ta' HDD li qed jakkwistaw b'ħeffa partijiet mis-suq għad-dannu tal-fornituri ta' HDDs esterni mhux integrati, wara t-tranżazzjoni se jibqgħu preżenti fis-suq tal-HDDs esterni ta' madwar iż-ŻEE tliet fornituri alternattivi kredibbli; u

(c) L-entità amalgamata la se jkollha l-abilità u lanqas l-inċentiv li toħloq esklużività f'xi parti sinifikanti mis-suq.

12. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jabqlu mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li mhux probabbli li t-tranżazzjoni proposta twassal għal effetti mhux koordinati li jxekklu b'xi mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-swieq dinjija tal-HDDs għal Desktop HDDs tat-3,5″, HDDs Mobile ta' 2,5″, HDDs Business Critical ta' 3,5″, u HDDs CE tat-3,5″ u lanqas fis-suq tal-HDDs esterni ta' madwar iż-ŻEE.

*Effetti kkoordinati*

13. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li huwa probabbli li t-tranżazzjoni proposta mhux se żżid il-ħila tal-fornituri tal-HDDs li jifdal li jaslu għal kundizzjonijiet ta' koordinazzjoni.

14. B'mod partikolari, l-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-opinjoni tal-Kummissjoni li:

(a) It-tneħħija ta' Samsung HDD ma ġġibx magħha effett materjali speċifiċi għall-amalgamazzjoni f'numru ta' swieq rilevanti minħabba n-nuqqas jew il-preżenza insinifikanti ta' Samsung fis-swieq għal HDDs Business Critical Enterprise, ta' 3,5″ u ta' HDDs CE ta' 3,5″;

(b) Fejn jidħol is-suq tal-HDDs Desktop tat-3,5″, Samsung mhix xi forza qawwija ta' innovazzjoni jew xi kompetitur partikolarment qawwi u għalhekk l-effet tat-tneħħija ta' Samsung x'aktarx li jkun limiat fejn jidħlu l-effetti koordinati;

(c) Rigward is-suq tal-HDDs Desktop tat-3,5″, il-livell ta' asimmetrija wara l-amalgamazzjoni jibqa' għoli;

(d) Jidher li huwa probabbli li HGST jkollha inċentivi qawwija biex ma tipparteċpax f'xi koordinazzjoni fis-suq tal-HDDs Desktop tat-3,5″.

15. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li mhux probabbli li t-tranżazzjoni proposta twassal għal xkiel sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva minn effetti koordinati.

*Effetti vertikali*

16. Fejn jidħlu relazzjonijiet vertikali bejn is-swieq downstream tal-HDDS u s-swieq upstream għal komponenti prinċipali, l-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li mhux probabbli li t-tranżazzjoni proposta xxekkel il-kompetizzjoni effettiva.

17. Fejn jidħlu relazzjonijiet vertikali bejn is-swieq downstream tal-HDDs u s-swieq upstream għal komponenti tal-medja, l-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li mhux probabbli li t-tranżazzjoni proposta xxekkel il-kompetizzjoni effettiva.

**Konklużjoni**

18. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li mhux probabbli li t-tranżazzjoni proposta xxekkel il-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f’xi parti sostanzjali minnu.

19. L-Istati tal-EFTA u l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA jaqblu mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni nnotifikata għandha tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u li t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE skont l-Artikoli 2(2) u 8(1) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.

*L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA*

Christian LUND

Tone H. AARTHUN

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.6614 – Samsung Electronics/Samsung Mobile Display)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 154/12)

1. Fil-21 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Samsung Electronics Co., Ltd ("SEC", il-Korea ta' Isfel) takkwista, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-intier tal-impriża Samsung Mobile Display ("SMD", il-Korea ta' Isfel) permezz tax-xiri tal-assi. SEC attwalment teżerċita kontroll konġunt fuq SMD.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— fil-każ tal-SEC: id-disinn, l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' firxa wiesgħa ta' prodotti fil-qasam tal-elettronika u t-teknoloġija tal-informazzjoni. Partikolarment, l-SEC tipproduċi skrinijiet tal-kristall likwidu bi tranżistur b'tertuqa rqiqa ta' daqs medju sa kbir ("TFT-LCD") għal televixins u moniters, applikazzonijiet tal-informazzjoni diġitali u kompjuters portabbli,

— fil-każ tal-SMD: l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' TFT-LCD u dajowds organiċi li jarmu d-dawl ("OLED"), skrinijiet bil-panel li jintużaw bħala sistemi ta' wiri ta' informazzjoni trażmessa għal tagħmir mobbli bħat-telefowns ċellulari, kameras diġitali u mezzi tal-midja portabbli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b’emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta’ referenza COMP/M.6614 – Samsung Electronics/Samsung Mobile Display, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6469 – Tognum/TMH/JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 154/13)

1. Fil-21 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha JSC Transmashholding ("TMH", il-Federazzjoni Russa), li fundamentalment hija kkontrollata minn Alstom Holdings ("Alstom", Franza) u Russian Railways ("RZD", ir-Russja), u Tognum AG ("Tognum", il-Ġermanja) jiksbu, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll konġunt fuq impriża konġunta b'funzjoni sħiħa ġdida (il-"JV", il-Federazzjoni Russa) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— fil-każ tal-TMH: il-manifattura ta' magni li jitħaddmu bid-diżil fir-Russja u fi swieq magħżulin tal-esportazzjoni, fost oħrajn,

— fil-każ tat-Tognum: l-iżvilupp, id-disinn, il-manifattura, il-forniment u l-manutenzjoni ta' magni li jitħaddmu bid-diżil u sistemi kompluti ta' propulsjoni għal applikazzjonijiet diversi, fost oħrajn,

— fil-każ tal-JV: se tiżviluppa, timmanifattura u tbiegħ il-magni li jitħaddmu bid-diżil fis-swieq Russi u fis-swieq tal-esportazzjoni magħżulin.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6469 – Tognum/TMH/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6515 – Arrow Electronics/Altimate Group)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 154/14)

1. Fil-21 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża Arrow Electronics Inc ("Arrow", l-Istati Uniti) takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-impriża Altimate Group SA ("Altimate", Franza) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Arrow: distribuzzjoni globali bl-ingrossa ta' komponenti elettroniċi (inkluż semikondutturi u prodotti passivi elettromekkaniċi u tal-interkonnessjoni) u soluzzjonijiet informatiċi u tal-intrapriża (softwer u ħardwer, inklużi servers u prodotti għall-ħażna tad-dejta) u servizzi anċillari ta' appoġġ għal utenti industrijali u kummerċjali,

— għal Altimate: Distribuzzjoni bl-ingrossa ta' softwer (b'mod partikolari l-ġestjoni tad-dejta, il-ġestjoni tal-IT, is-softwer għas-sigurtà u l-virtualizzazzjoni) u prodotti tal-ħardwer (partikolarment servers u prodotti għall-ħażna tad-dejta) u servizzi relatati prinċipalment fiż-ŻEE (b'mod partikolari fi Franza, fil-Portugall, fi Spanja, fir-reġjun tal-Benelux, u fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6515 – Arrow Electronics/Altimate Group, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6610 – CVC/AlixPartners)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 154/15)

1. Fl-24 ta' Mejju 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża CVC Capital Partners SICAV-FIS SA ("CVC"), il-Lussemburgu, membru tal-grupp CVC, takkwista l-kontroll totali, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, tal-impriża AlixPartners LLP ("Alix"), l-Istati Uniti tal-Amerika, billi tixtri l-ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Il-grupp CVC huwa magħmul minn entitajiet konsultattivi ta' proprjetà privata li l-attivitajiet tagħhom huma l-għoti ta' pariri fl-investimenti lill-Fondi CVC u/jew il-ġestjoni tal-investimenti f'isimhom. Il-Fondi CVC għandhom interess ta' kontroll f'għadd ta' kumpaniji f'industriji varji inklużi l-industriji tal-kimika, tas-servizzi tad-dawl u l-ilma, tal-manifattura, tal-bejgħ bl-imnut u d-distribuzzjoni, prinċiplament fl-Ewropa, fl-Istati Uniti u fir-reġjun tal-Asja-Paċifiku,

— Alix hija impriża globali li tipprovdi servizzi ta' konsulenza korporattiva lin-negozji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6610 – CVC/AlixPartners, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

**RETTIFIKA**

**Rettifika għal-Lista ta' ħatriet imwettqa mill-Kunsill – Jannar, Frar, Marzu u April 2012 (qasam soċjali)**

*(Dan it-test jannulla u jbiddel dak ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 135 tad-9 ta' Mejju 2012, p. 6)*

(2012/C 154/16)

## Lista ta' ħatriet imwettqa mill-Kunsill

## Jannar, Frar, Marzu u April 2012 (qasam soċjali)

| Kumitat | Tmiem tal-mandat | Pubblikazzjoni fil-ĠU | Persuna sostitwita | Riżenja/ħatra | Membru/ Membru supplenti | Kategorija | Pajjiż | Persuna maħtura | Affiljazzjoni | Data tad-Deċiżjoni tal-Kunsill |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema | 24.9.2012 | C 294, 29.10.2010 | Is-Sinjura Carita RAMMUS | Riżenja | Membru supplenti | Gvern | Estonja | Is-Sinjura Kristi SUUR | Rappreżentazzjoni Permanenti tal-Estonja għall-UE | 10.2.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema | 24.9.2012 | C 294, 29.10.2010 | Is-Sur Gisbert BRINKMANN | Riżenja | Membru | Gvern | Ġermanja | Is-Sinjura Vera BADE | Bundesministerium für Arbeit und Soziales | 14.2.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema | 24.9.2012 | C 294, 29.10.2010 | Is-Sinjura Liisa FOLKERSMA | Riżenja | Membru supplenti | Trade Union | Finlandja | Is-Sinjura Jenni KARJALAINEN | AKAVA — Confederation of Unions for Professional and Managerial Staff | 17.2.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema | 24.9.2012 | C 294, 29.10.2010 | Is-Sinjura Anna SANTESSON | Riżenja | Membru | Gvern | Svezja | Is-Sinjura Jenny LINDBLAD | Arbetsmarknadsdepartementet | 9.3.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema | 24.9.2012 | C 294, 29.10.2010 | Is-Sinjura Tiina OINONEN | Riżenja | Membru | Gvern | Finlandja | Is-Sur Olli SORAINEN | Ministeru tal-Impjiegi u l-Ekonomija | 19.3.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema | 24.9.2012 | C 294, 29.10.2010 | Is-Sinjura Elina IMMONEN | Riżenja | Membru | Gvern | Finlandja | Is-Sinjura Katri AALTONEN | Ministeru tal-Intern | 19.3.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema | 24.9.2012 | C 294, 29.10.2010 | Is-Sinjura Eleni KALAVA | Riżenja | Membru supplenti | Gvern | Ċipru | Is-Sinjura Elena SIVITANIDOU | Ministeru tax-Xogħol u l-Assigurazzjoni Soċjali | 19.3.2012 |

| Kumitat | Tmiem tal-mandat | Pubblikazzjoni fil-ĠU | Persuna sostitwita | Riżenja/hatra | Membru/ Membru supplenti | Kategorija | Pajjiż | Persuna maħtura | Affiljazzjoni | Data tad-Deċiżjoni tal-Kunsill |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema | 24.9.2012 | C 294, 29.10.2010 | Is-Sinjura Ingrid NOWOTNY | Riżenja | Membru | Gvern | Awstrija | Is-Sur Heinz KUTROWATZ | Bundesministerium für Arbeit, Soziales und Konsumentenschutz | 26.3.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema | 24.9.2012 | C 294, 29.10.2010 | Is-Sinjura Martha ROJAS-PINEDA | Riżenja | Membru | Gvern | Awstrija | Is-Sur Helmut GERL | Arbeitsmarktservice Österreich | 26.3.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema | 24.9.2012 | C 294, 29.10.2010 | Is-Sur Heinz KUTROWATZ | Riżenja | Membru supplenti | Gvern | Awstrija | Is-Sinjura Barbara BOHACZEK | Bundesministerium für Arbeit, Soziales und Konsumentenschutz | 26.3.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema | 24.9.2012 | C 294, 29.10.2010 | Is-Sinjura Georgia HEINE | Riżenja | Membru supplenti | Min Iħaddem | Ġermanja | Is-Sinjura Anna ROBRA | BDA (Bundesvereinigung der Deutschen Arbeitsgeberverbände) | 24.4.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema | 24.9.2012 | C 294, 29.10.2010 | Is-Sur Stefan STRÄSSER | Riżenja | Membru | Min Iħaddem | Ġermanja | Is-Sinjura Carmen Eugenia BÂRSAN | BDA (Bundesvereinigung der Deutschen Arbeitsgeberverbände | 24.4.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol | 28.2.2013 | L 45, 20.2.2010 | Is-Sur Willy IMBRECHTS | Riżenja | Membru supplenti | Gvern | Belġju | Is-Sur Jan BATEN | SPF Emploi, travail et concertation sociale | 17.2.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol | 28.2.2013 | L 45, 20.2.2010 | Is-Sinjura Elissavet GALANOPOULOU | Riżenja | Membru | Gvern | Greċja | Is-Sur Antonios CHRISTODOULOU | Ministeru tax-Xogħol u s-Sigurtà Soċjali | 26.4.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol | 28.2.2013 | L 45, 20.2.2010 | Is-Sur Antonios CHRISTODOULOU | Riżenja | Membru supplenti | Gvern | Greċja | Is-Sinjura Stamatina PISSIMISSI | Ministeru tax-Xogħol u s-Sigurtà Soċjali | 26.4.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali | 19.10.2015 | C 290, 27.10.2010 | Is-Sinjura Estelle CEULEMANS | Riżenja | Membru supplenti | Trade Union | Belġju | Is-Sinjura Anne PANNEELS | FGTB | 24.4.2012 |
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali | 19.10.2015 | C 290, 27.10.2010 | Is-Sur Andreas KYRIAKIDES | Riżenja | Membru supplenti | Gvern | Ċipru | Is-Sur Sotiris STRATIS | Ministeru tas-Saħħa | 24.4.2012 |
| Bord tat-Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi | 31.5.2013 | C 137, 27.5.2010 | Is-Sinjura Martina JANÍKOVÁ | Riżenja | Membru | Gvern | Slovakkja | Is-Sinjura Olga PIETRUCHOVÁ | Ministeru tax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u l-Familja tar-Repubblika tas-Slovakkja | 14.2.2012 |

| Kumitat | Tmiem tal-mandat | Pubblikazzjoni fil-ĠU | Persuna sostitwita | Riżenja/ħatra | Membru/ Membru supplenti | Kategorija | Pajjiż | Persuna maħtura | Affiljazzjoni | Data tad-Deċiżjoni tal-Kunsill |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Bord tat-Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi | 31.5.2013 | C 137, 27.5.2010 | Is-Sinjura Andrea BARŠOVÁ | Riżenja | Membru | Gvern | Repubblika Ċeka | Is-Sur Miroslav FUCHS | Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali | 9.3.2012 |
| Bord tat-Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi | 31.5.2013 | C 137, 27.5.2010 | Is-Sur Czeslaw WALEK | Riżenja | Membru supplenti | Gvern | Repubblika Ċeka | Is-Sinjura Lucia ZACHARIÁŠOVÁ | Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali | 9.3.2012 |
| Bord tat-Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi | 31.5.2013 | C 137, 27.5.2010 | Is-Sinjura Teresa Margarida DO CARMO FRAGOSO | Riżenja | Membru | Gvern | Portugall | Is-Sinjura Maria de Fátima ABRANTES DUARTE | Comissão para a Cidadania e a Igualdade de Género | 9.3.2012 |
| Bord tat-Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi | 31.5.2013 | C 137, 27.5.2010 | Is-Sur Pedro DELGADO ALVES | Riżenja | Membru supplenti | Gvern | Portugall | Is-Sur Manuel Maria FEIO BARROSO | Comissão para a Cidadania e a Igualdade de Género | 9.3.2012 |
| Bord tat-Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi | 31.5.2013 | C 137, 27.5.2010 | Is-Sinjura Judit GAZSI | Riżenja | Membru | Gvern | Ungerija | Is-Sinjura Zsuzsanna DEBRECENI Dr. KORMOSNÉ | Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Soċjali, il-Familja u ż-Żgħażagħ | 26.4.2012 |
| Bord tat-Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi | 31.5.2013 | C 137, 27.5.2010 | Is-Sinjura Anna OROSZ | Riżenja | Membru supplenti | Gvern | Ungerija | Is-Sinjura Judit HALASZ | Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Soċjali, il-Familja u ż-Żgħażagħ | 26.4.2012 |
| Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2013 | C 322, 27.11.2010 | Is-Sinjura Viviane GOERGEN | Riżenja | Membru | Trade Union | Lussemburgu | Is-Sur Vincent JACQUET | LCGB | 10.2.2012 |
| Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2013 | C 322, 27.11.2010 | Is-Sur Tarmo KRIIS | Riżenja | Membru supplenti | Min Iħaddem | Estonja | Is-Sinjura Marika MERILAI | Estonian Traders Association | 10.2.2012 |
| Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2013 | C 322, 27.11.2010 | Is-Sur Jan BATEN | Riżenja | Membru supplenti | Gvern | Belġju | Is-Sur Alain PIETTE | SPF Emploi, travail et concertation sociale | 17.2.2012 |
| Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2013 | C 322, 27.11.2010 | Is-Sur Keti KOYNAKOVA | Riżenja | Membru | Trade Union | Bulgarija | Is-Sur Ivan KOKALOV | CITUB | 8.3.2012 |

| Kumitat | Tmiem tal-mandat | Pubblikazzjoni fil-ĠU | Persuna sostitwita | Riżenja/ħatra | Membru/ Membru supplenti | Kategorija | Pajjiż | Persuna maħtura | Affiljazzjoni | Data tad-Deċiżjoni tal-Kunsill |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2013 | C 322, 27.11.2010 | Is-Sur Ivan KOKALOV | Riżenja | Membru supplenti | Trade Union | Bulgarija | Is-Sur Oleg CHULEV | ISETUR- RODKREPA | 8.3.2012 |
| Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2013 | C 322, 27.11.2010 | Is-Sur Ole PRASZ | Riżenja | Membru | Trade Union | Danimarka | Is-Sur Jan KAHR FREDERIKSEN | FTF | 9.3.2012 |
| Bord Governattiv ta' l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 7.11.2013 | C 322, 27.11.2010 | Is-Sur Willy IMBRECHTS | Riżenja | Membru | Gvern | Belġju | Is-Sur Jan BATEN | SPF Emploi, travail et concertation sociale | 17.2.2012 |
| Bord Governattiv ta' l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 7.11.2013 | C 322, 27.11.2010 | Is-Sur Christian DENEVE | Riżenja | Membru supplenti | Gvern | Belġju | Is-Sinjura Véronique CRUTZEN | SPF Emploi, travail et concertation sociale | 17.2.2012 |
| Bord Governattiv ta' l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 7.11.2013 | C 322, 27.11.2010 | Is-Sinjura Elissavet GALANOPOULOU | Riżenja | Membru | Gvern | Greċja | Is-Sur Antonios CHRISTODOULOU | Ministeru tax-Xogħol u s-Sigurtà Soċjali | 26.4.2012 |

**Rettifika għall-Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 147 tal-25 ta' Mejju 2012)*

(2012/C 154/17)

F'paġna 15, Għajnuna mill-Istat N 598/09:

*minflok:* "Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 27.1.2012",

*aqra:* "Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 27.1.2010".

2012/C 154/11 Opinjoni tar-rappreżentanti tal-Istati tal-EFTA u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-amalgamazzjonijiet mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2011 rigward abbozz ta' deċiżjoni marbuta ma' il-Każ COMP/M.6214 – Seagate Technology/In-negozju tal-HDDs ta' Samsung – Relatur: L-Italja ..... 20

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 154/12 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6614 – Samsung Electronics/Samsung Mobile Display) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata (1) ..... 23

2012/C 154/13 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6469 – Tognum/TMH/JV) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata (1) ..... 25

2012/C 154/14 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6515 – Arrow Electronics/Altimate Group) (1) 26

2012/C 154/15 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6610 – CVC/AlixPartners) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata (1) ..... 27

**Rettifika**

2012/C 154/16 Rettifika għal-Lista ta' ħatriet imwettqa mill-Kunsill – Jannar, Frar, Marzu u April 2012 (qasam soċjali) (Dan it-test jannulla u jbiddel dak ippubblikat f'Il-ĠU C 135, 9.5.2012, p. 6) ..... 28

2012/C 154/17 Rettifika għall-Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (ĠU C 147, 25.5.2012) ..... 32

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT